**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ELAINE RIZZO B.A., LL.D.**

**Illum, il-25 ta' Frar 2025**

Każ Nru: 516/2014

**IL-PULIZIJA**

(Spettur Herman Mula)

**kontra**

**ROBERT GALEA**

(Detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0229581(M))

## IL-QORTI:

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **Robert Galea**, ta' tletin sena, bin Joseph u Mary Grace nee' Dalli, imwieled il-Pieta' nhar it-8 ta' Mejju 1981, residenti ġewwa numru 4, Triq it-Tramuntana, Vittoriosa u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 0229581(M), permezz ta' liema ġie akkużat talli;

1. F'dawn il-Gżejjer fil-5 ta' Marzu 2012 u fix-xhur ta' qabel din id-data kellu fil-pussess tiegħu id-droga herojina speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenżja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenżja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li

d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. F'dawn il-Gżejjer, madwar sena qabel il-5 ta' Marzu 2012, kellu fil-pussess tiegħu id-droga kokaina speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess t'awtorizzazjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenżja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenżja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamet msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Sar reċidiv b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi ma jistgħux jiġu mibdula;
4. Kkommetta reat punibbli bi priġunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiża ta' priġunerija, liema sentenza ingħatat mill-Maġistrat Dr. S. Demicoli nhar il-24 ta' Frar 2011, liema sentenza saret definittiva ma tistax tiġi mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet u rat ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ inkluż id-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), datat il-15 ta' Mejju 2014, sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[1];

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri datat 28 ta' Lulju tas-sena 2021 permezz ta' liema l-kawża odjerna ġie assenjata lill-ġudikant sottofirmata[2]

[1] a fol. 13 tal-proċess.
[2] Fol. 56 tal-Proċess.

u rat ukoll li l-partijiet eżentaw lil din il-Qorti milli terġa tisma' l-provi ġia mismugħa minn din il-Qorti diversament ippreseduta[3];

Illi permezz ta' rikors intavolat fir-Reġistru ta' din il-Qori nhar it-12 t'Ottubru 2021, l-imputat talab lil din il-Qorti sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga[4]. Il-Qorti wara li, b'referenza għal din it-talba tad-difiża, semgħet ix-xhieda prodotta mid-difiża; lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li ma għandhiex xhieda xi tressaq u sottomissjonijiet tal-partijiet, permezz ta' Digriet[5] datat l-24 ta' Mejju 2022 laqgħet it-talba imressqa mill-imputat billi assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u rreferiet lill-imputat Robert Galea quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga u dan a tenur tal-artikolu 8(3) tal-Kap.537 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi permezz ta' noti ppreżentata fl-4 ta' Jannar 2023 u fid-19 ta' Jannar 2023 mill-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga, il-Qorti ġiet infurmata li l-imputat kien temm il-proċess ta' rijabilitazzjoni b'suċċess[6].

Rat il-fedina penali aġġornata tal-imputat[7];

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-ispettur Herman Mula[8] xehed dwar kif l-investigazzjoni konnessa mal-proċeduri odjerni bdiet in segwietu għal każ ta' overdose ġewwa Bormla fit-3 ta' Marzu 2012 wara li huwa rċieva informazzjoni li l-vittma tal-overdose setgħa kien jixtri d-droga mingħand il-*qua* imputat. Spjega kif inħareġ mandat t'arrest fil-konfront tal-qua imputat li ġie esegwiet nhar il-5 ta' Marzu 2012 fejn anke saret tfittxija fir-residenza tiegħu ġewwa fond numru 4, Triq it-Tramuntana, l-Birgu. Minn tfittxija fuq il-persuna tal-qua imputat PS1220 Baldacchino u PC777 Ebejer sabu kaxxa tas-sulfarini kontenenti tlett sachets bi trab kannella suspettat eroina. Huwa ġie meħud fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija fejn hemmhekk huwa rrillaxa stqarrija.

Illi l-istqarrija[9] ġiet irrillaxata fis-7 ta' Marzu 2012 fis-sagħtejn u nofs ta' wara nofsinhar lill-ispettur Herman Mula fil-prezenza ta' PC1183 Oliver Borg[10]. Qabel irrillaxxa din l-istqarrija Galea ġie offrut id-dritt li jikkonsulta ma avukat jew

[3] Fol. 59 tal-proċess.
[4] Fol. 60 tal-proċess.
[5] Fol. 104 et seq tal-proċess.
[6] Fol. 113 u 115 tal-proċess.
[7] Fol. 118 tal-proċess
[8] Fol. 17 tal-proċess
[9] Fol. 8 et seq tal-proċess
[10] Fl-udjenza tat-28 t'Ottubru 2020, id-difiża eżentat lill-prosekuzzjoni milli ttella lil PC 1183 Oliver Borg sabiex jixhed dwar il-volontarjeta' tal-istqarrija, fol. 38 tal-proċess.

prokuratur legali tal-għażla tiegħu iżda huwa rrifjuta dan id-dritt[11]. Galea jgħid li huwa magħruf ukoll bil-laqam 'iċ-Ċelest'. Mistoqsi dwar is-sustanza li l-pulizija sabu fuq il-persuna tiegħu Galea jispjega li dik hija droga eroina u li hija intiża sabiex jikkonsmaha personalment. Jispjega li huwa għandu l-vizzju tal-eroina u ilu jikkonsma din is-sustanza għal dawn l-aħħar sitt snin bl-użu tas-siringi. Mistoqsi qatt ikkonsmax sustanzi oħra jispjea li madwar sena ilu ikkonsma is-sustanza kokaina. Madanakollu l-użu minn din is-sustanza kien wieħed rari. Huwa ma tax informazzjoni minn fejn jixtri d-droga eroina iżda spjega li jħallas għaxar ewro (€10) għal pakkett ta' 0.1 grammi. Huwa jinnega li qatt traffika l-eroina.

L-ispettur Mula esebixxa fl-atti proċesswali odjerni is-sustanza li nstabet fil-pussess tal-imputat li ġiet immarkata bħala Dok. HM.

Illi PS1220 Chris Baldacchino[12] xehed li fil-5 ta' Marzu 2012 huwa ġie mgħoddi mandat ta' tfittxija fil-konfront tal-qua imputat li ġie ezegwiet għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħaxija fir-residenza tiegħu bin-numru 4, Triq it-Tramuntana, l-Birgu. Baldacchino jispjega li kienet saret tfittxija fuq il-persuna ta' Galea fejn ġo kaxxa tas-sigaretti instabu tlett pakketti qratas bit-trab kannella. Mir-residenza tiegħu ġiet elevata *simcard* tal-Vodafone. Finalment jispjega li l-affarijiet kollha ġew issiġillati quddiemu u wara ttieħed fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija għal iktar investigazzjonijiet. Mistoqsi jekk jagħrafx lill-imputat, Baldacchino jispjega li għadda ż-żmien u ma huwiex f'posizzjoni li jikkonferma li huwa l-qua imputat madanakollu kien jaf li għandu l-laqam '*iċ-Ċelest*'.

Profs. Emanuel Sinagra[13], li kien inkarigat minn din il-Qorti diversament ippreseduta sabiex janalizza Dok. HM[14], espleta l-inkarigu mgħoti lilu billi kkonkluda s-segwenti:

> *"Illi fuq estratt mittieħda mit-trab ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 053_19_01 instabet is-sustanza eroina. Il-piż tota tat-trab kien ta' 0.31 grammi iżda ma kienx hemm ammont ta' sustanza biżżejjed sabiex l-analiżi tal-purita jkun iddeterminat. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda Taqsima 1 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta."*[15]

**Ikkunsidrat ukoll:**

[11] Ara d-dikjarazzjoni esebita mill-ispettur Alfredo Mangion – Dok. AM a fol. 41 tal-proċess.
[12] Fol. 43 tal-proċess.
[13] Fol. 46 tal-proċess, Dok. ES - fol. 49 tal-proċess.
[14] Fol. 27 tal-proċess.
[15] Fol 4 ta' Dok. ES, Fol. 52 tal-proċess.

In linea preliminari, fid-dawl tal-każistika riċenti tal-Qrati kemm Kostituzzjonali kif ukoll Kriminali, ser tibda l-kunsiderazzjonijiet tagħha billi tiddetermina l-piż li hija ser tagħti l-istqarrija rrillaxata mill-imputat nhar is-7 ta' Marzu 2012 lill-ispettur Herman Mula fil-prezenza ta' PC1183 Oliver Borg.

Jibda biex jingħad li ma hemm l-ebda allegazzjoni li din l-istqarrija ma ttieħditx b'mod volontarju. Illi mix-xhieda tal-ispettur Mula kif ukoll mill-istqarrija u d-dikjarazzjoni esebiti mill-prosekuzzjoni jirriżulta li l-imputat ġie offrut u rrifjuta id-dritt li jikkonsulta ma avukat jew prokuratur legali tal-fiduċja tiegħu sa massimu ta' siegħa qabel il-bidu tal-interrogazzjoni u dan skond il-liġi hekk kif kienet viġenti fis-sena 2012. L-imputat ma ġiex offrut id-dritt tal-assistenza legali waqt l-istqarrija u dan għaliex il-liġi ma kinitx tipprovdi għal dan id-dritt dak iż-żmien. Tant hu hekk li minn analizi tal-atti processwali ma jirriżultax li kien hemm raġunijiet impellenti l-għaliex l-imputat ma ġiex mgħoti d-dritt għall-assistenza legali waqt l-istqarrija.

Madanakollu minn analizi tal-istess atti proċesswali li ġew ikkumpilati fuq perjodu ta' diversi snin, ma jirriżultax li l-imputat ilmenta dwar l-istqarrija rrillaxata minnu fid-dawl tal-fatt li huwa ma kienx assistiet minn avukat ta' fiduċja tiegħu. Dan minkejja li waqt il-proċeduri ġudizzjarji huwa kien legalment assistiet u kellu kull opportunita' li jagħmel dan.

Minn qari tal-istess stqarrija jirriżulta ukoll li l-imputat għażel li jwieġeb għad-domandi li sarulu mill-uffiċjal investigattiv b'dan illi xi tweġibiet ikunu inkriminanti għalih. Minn analiżi tal-atti proċesswali jirriżulta ukoll li f'xi istanzi t-tweġibiet kienu prova determinanti għall-imputazzjonijiet miġjuba kontrieh mill-prosekuzzjoni u dan fin-nuqqas ta' provi oħra.

L-imputat kellu tletin sena meta allegatament seħħew ir-reati suġġett ta' dawn il-proċeduri, mill-fedina penali tiegħu jirrizulta li huwa kellu diversi kundannni oħra u ma jirrizultax li jeżistu xi kundizzjonijiet li minħabba fihom l-imputat ikun meqjus persuna vulnerabbli waqt it-teħid tal-istess stqarrijiet.

Stabbiliti dawn ir-riżultanzi, din il-Qorti qieset l-istess fid-dawl tal-prinċipji stabbiliti fl-insenjament mgħoti fil-kaz **Beuze v il-Belgju** (App. Numru 71409/10) tad-9 ta' Novembru 2018[16], u l-prinċipji stabbiliti f'dawn l-aħħar snin permezz tas-sentenzi mgħotija f'dan ir-rigward mill-Qrati ta' ġurisdizzjoni Kostituzzjonali u anke Kriminali[17]. Il-ġurisprdenza riċenti tal-Qorti Ewropeja

---

[16] Li riċentament issir referenza għalihom fis-sentenza mgħotija mill-QEDB fl-ismijiet Lalik vs. Poland, 11 ta' Mejju 2023

[17] F'dan is-sens issir referenza ghas-segwenti sentenzi (izda mhux biss) Morgan Onourah vs L-Avukat tal-Istat (Qorti Kostituzzjonali), 27 ta' Jannar 2021, Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (27 ta' Ottubru 2021), kif ukoll Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat Qorti Kostituzzjonali, (26 ta' April 2022); Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (4 ta' Mejju

tad-Drittijiet tal-Bniedem tagħmilha ċara li l-fatt li persuna suspettata li kkommettiet reat tagħmel stqarrija mingħajr l-assistenza t'avukat ma jwassalx bilfors għal ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu, partikolarment il-jedd għal smigħ xieraq, fil-proċeduri ġudizzjarji ta' natura kriminali li jistgħu jittieħdu kontra dik l-istess persuna. Iżda spetta lil min ħa jiġġudika mill-fatti sabiex janalizza ċ-ċirkostanzi tal-każ quddiemu fil-dawl tal-prinċipji stabbiliti fis-sentenza hawn fuq imsemmija ta' Beuze v il-Belġju.

B'hekk fid-dawl tal-prinċipji stabbiliti f'dawn is-sentenzi, kif ukoll tenut kont li għalkemm l-istqarrija tal-imputat ġiet meħuda skond il-liġi viġenti dak iż-żmien (għaldaqstant huma kkunsidrati bħala legalment validi) iżda mingħajr d-dritt tal-assistenza legali waqt l-istess istqarrija din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tiskarta l-istqarrija tal-imputat mill-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar ir-reita' o meno tal-imputat bil-għan li jiġi assigurat li d-drittijiet tiegħu ma jiġux mittiefsa.

Illi stabbilit dan din il-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar ir-reita' o meno tal-imputat b'referenza għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu.

**Illi permezz ta' l-ewwel imputazzjoni l-qua imputat ġie akkużat b'pussess sempliċi tad-droga herojina u dan nhar il-5 ta' Marzu 2012 u fix-xhur ta' qabel din id-data**. Ix-xhieda ta' PS1220 Baldacchino hija kruċjali b'referenza għal din l-imputazzjoni. Jidher li fit-testimonjanza tiegħu Baldacchino fiżikament ma għarafx lill-imputat fl-awla u dan fi kliemu minħabba t-trapass taż-żmien minn meta sar l-arrest. Fil-fatt l-arrest jidher li sar f'Marzu tas-sena 2012 filwaqt li Baldacchino ħa l-pedana tax-xhieda fi Frar tas-sena 2021 u ċioe' disa' snin wara. Ovvajment din il-Qorti ma tippretendi lill-ebda uffiċjal tal-pulizija jiftakar fizikament wiċċ ta' persuna li jkun sempliċiment arresta disa' snin wara l-akkadut. Madanakollu x-xhud ta d-dettalji dwar il-laqam li bih huwa magħruf il-qua imputat kif ukoll ta' d-dettalji tar-residenza li fiha saret it-tfittxija li tikkombaċċa mar-residenza tal-imputat (hekk kif tidher mill-akkużi u mill-Ordni tal-Avukat Ġenerali). In oltre huwa jixhed li wara lill-imputat ħaduh il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija fejn kompla bl-investigazzjoni l-ispettur Mula li xehed dwar l-identita' tal-imputat u anke għarfu fl-awla. Għaldaqstant, minkejja n-nuqqas tal-identifikazzjoni fiżika fl-awla din il-Qorti ma għandhiex dubbju li Baldacchino xehed dwar il-persuna tal-qua imputat – Robert Galea.

Stabbilit dan jingħad li fix-xhieda tiegħu PS1220 Chris Baldacchino spjega li waqt tfittixija li għamlu fuq il-persuna tal-imputat in segwietu għall-mandat maħruġ fil-konfront tiegħu huma sabu kaxxa tas-sulfarini li kienet kontenenti tlett

---

2022), Emmanuele Spagnol vs Avukat Ġenerali u Kummissarju tal-Pulizija (31 ta' Mejju 2023), Jean Marc Dalli vs Kummissarju tal-Pulizija et (31.5.23).

sachets ta' sustanza kannella. Il-fatt li din is-sustanza instabet fuq il-persuna tal-imputat juri biċ-ċar li l-imputat kien xjenti ta' din is-sustanza u li din is-sustanza kienet fil-pussess fiżiku tiegħu b'mod esklussiv. Din is-sustanza ġiet esebieta fil-proċeduri odjerni mill-ispettur Mula bħala Dok. HM u sussegwentament analizzata mill-Profs Sinagra li kkonkluda li f'din is-sustanza kien hemm id-droga herojina li hija rregolata taħt l-Ewwel Skeda, Taqsima 1, tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta fil-piż ta' 0.31 grammi. Jispjega ukoll li ma kienx hemm biżżejjed piż sabiex tiġi determinata l-purita' ta' din is-sustanza. Fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi, hija allura l-fehma ta' din il-Qorti li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova din l-imputazzjoni sal-grad rikjest mil-liġi.

**Illi permezz tat-tieni imputazzjoni l-imputat ġie akkużat talli madwar sena qabel il-5 ta' Marzu 2012 huwa kien fil-pussess sempliċi tad-droga kokaina**. Illi din l-imputazzjoni tistrieħ unikament fuq dak li stqarr l-imputat fl-istqarrija tiegħu lill-pulizija[18]. Għal kull bon fini issir ukoll referenza għax-xhieda prodotta mid-difiża b'referenza għat-talba tiegħu għall-artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta, liema xhieda fit-testimonjanzi tagħhom jagħmlu referenza għas-sustanzi li kien qed jikkonsma l-qua imputat fosthom il-kokaina. Madanakollu l-użu tal-imputat mill-kokaina, skond ix-xhieda prodotta mid-difiża, ma jaqgħax fil-parametri tal-akkuża hekk kif dedotta mill-prosekuzzjoni ġaladarba l-imputazzjoni tagħmel referenza għal madwar sena qabel il-5 ta' Marzu 2012 u allura qed issir referenza għal madwar il-perjodu tal-5 ta' Marzu 2011 Il-Qorti tinnota ukoll li ma ntużax kliem bħal 'sa sena qabel' liema terminoloġija kienet tkopri x-xhur ta' bejn il-5 ta' Marzu 2012 u l-5 ta' Marzu 2011, iżda minflokk intużat terminoloġija li tkopri ftit ġimgħat jew minn tal-inqas xhur qabel il-5 ta' Marzu 2011. Issa x-xhieda prodotta mid-difiża[19] jispjegaw li għalkemm l-imputat kien dejjem afflitt mid-dipendenza għas-sustanza herojina u dan sa mill-eta' tenera ta' sittax-il sena, l-użu tal-kokaina beda iktar tard f'ħajtu senjatament bil-bidu tas-sena 2012. F'dan ir-rigward is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

> *"Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, ilfatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistgha jinghataw......"*

Illi fis-sentenza mgħotija fit-18 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet *Pulizija vs John Mary Briffa*, fejn l-appellant f'dik il-kawża ġie akkużat b'reati li allegatament seħħew "għall-ħabta tas-7.30 p.m." mentri l-provi kienu jirrigwardaw inċident li seħħ "għall-ħabta tas-7.30 a.m.", intqal li:

[18] Meta ddikjara li madwar sena qabel l-arrest tiegħu huwa kien ikkonsma l-kokaina.
[19] Issir referenza għax-xhieda ta' Dr. Moses Camilleri, fol.82 tal-proċess.

> *"L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati.* <u>*Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat f'l-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab".* (emfazi ta' dina l-Qorti)"</u>

Illi dan l-istess prinċipju gie riaffermat mill-istess Qorti ta' l-Appell Kriminali f'diversi kawżi oħra inkluż dawk fl-ismijiet <u>*Il-Pulizija vs Warren Piscopo*</u> u <u>*Pulizija vs Rita Thuema*</u>, it-tnejn deċiżi fid-19 ta' Ottubru 2011. Għaldaqstant, fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza kif ukoll fid-dawl ta' dak li jirriżulta mill-atti proċesswali, din il-Qorti hija tal-fehma li d-diskrepanza fil-parametri ta' żmien hija tant kbira (ta' diversi xhur) li ma jistgħax jiġi konkluż sal-grad rikjest mil-liġi li fil-parametri hekk kif ippostulati mill-prosekuzzjoni (li wara kollox ġew oriġinarjament hekk ippostulati fid-dawl ta' dak li stqarr l-imputat fl-istqarrija) l-imputat kien fil-pussess sempliċi tas-sustanza kokaina.

Għaldaqstant fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet magħmula minn din il-Qorti anke b'referenza għall-istqarrija aktar kmien f'din is-sentenza, din il-Qorti ma hijiex ser issib ħtija f'din l-imputazzjoni.

**Illi permezz tat-tielet imputazzjoni l-imputat ġie akkużat bl-addebitu tar-reċidiva filwaqt li permezz tar-raba' imputazzjoni huwa ġie akkużat ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża**. Minn analiżi tal-atti proċesswali ma jirriżultax li l-prosekuzzjoni ressqet prova in sostenn ta' dawn l-imputazzjonijiet. Fil-fatt ma ġewx ippreżentati l-ebda sentenzi li b'xi mod jistgħu jitfu daw fuq dawn l-imputazzjonijiet għaldaqstant din il-Qorti ser tkun qed tillibera lill-qua imputat minn dawn iż-żewġ imputazzjonijiet.

In kwantu għall-piena li għandha tiġi erogata, din il-Qorti ser tieħu kont tas-segwenti fatturi:

1. In-natura u ċ-ċirkostanzi tar-reat li tiegħu Galea ser jinsab ħati inkluż in-natura u l-ammont ta' droga involuta. F'dan ir-rigward, jiġi rilevat li ġaladarba l-ammont ta' droga involut fil-każ odjern huwa t'inqas minn żewġ grammi herojina huma applikabbli l-emendi introdotti f'Diċembru 2021 permezz tal-Att LXVI tas-sena 2021. Bis-saħħa ta' dawn l-emendi l-artikolu 4 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula:

   > *4.(1) Fejn akkuża ta' ksur tal-liġijiet dwar id-droga tikkonsisti f'akkuża ta' pussess ta' droga projbita li ma tkunx id-droga kannabis, fi kwantità ta' anqas minn żewġ grammi jew ta' żewġ pillolitad-droga 'ecstacy' jew ta' żewġ pilloli projbiti oħra, irrispettivament mill-purità, f'ċirkostanzi li ma jwasslux li wieħed raġonevolment jemmen li d-droga projbita mhijiex għall-użu personali tal-persunali għandha l-pussess tagħha, dik il-persuna għandha tkun soġġetta għal proċess skont l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, u meta tinsab ħatja*

> *mill-Kummissarju għall-Ġustizzja assenjat mill-Ministru sabiex jisma' każijiet dwar reati ta' droga teħel penalibejn ħamsa u sebgħin euro (€75) u mija u ħamsa u għoxrin euro(€125)*

Issa, l-artikolu 27 tal-Kodiċi Kriminali jistipula:

> ***27.*** *Jekk il-piena stabbilita mil-liġi li tkun isseħħ fiż-żmien tal-kawża u dik li kienet isseħħ fiż-żmien li sar ir-reat ma jkunux xorta waħda, għandha tingħata l-piena l-anqas gravi.* (sottolinear ta' din il-Qorti)

Għaldaqstant fid-dawl ta' din id-disposizzjoni din il-Qorti ser tkun qed teroga l-inqas piena gravi li fiċ-ċirkostanzi hija l-penali.

2. Il-fedina penali aġġornata tal-imputat;
3. Il-fatt li din l-Qorti, fil-proċeduri odjerni assumiet il-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga a tenur tal-artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u l-imputat temm b'suċċess il-pjan ta' kura imfassla għalih mill-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni Nqabdu bid-Droga;
4. Id-dipendenza tal-imputat fuq sustanzi illeċiti u l-fatt li dan il-vizzju kien fattur kontributur għar-reat li bih ser jinsab ħati l-imputat permezz ta' din is-sentenza.
5. Il-fatt li jidher li l-imputat għamel passi konkretti għar-rijabilitazzjoni tiegħu.

Għal dawn il-mottivi, din il-Qorti, qed issib lill-qua imputat mhux ħati tat-tieni, tat-tielet u tar-raba' imputazzjonijiet miġjuba kontrieh u konsegwentament qed tilliberah mill-istess, filwaqt li wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Reglamenti 4 u 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-artikolu 4 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-istess qua imputat Robert Galea ħati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentament qed tikkundanah għal penali ta' tmenin ewro (Eur. 80).

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, qed tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti ammontanti għas-somma ta' mitejn, tmienja u ħamsin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (Eur.258.37)[20], liema spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien sitt xhur mil-lum.

Il-Qorti tordna wkoll illi dan ir-reat m'għandux jittieħed in konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta u dan fid-dawl tad-dettami tas-subartikolu 8(8) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

---

[20] L-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni tal-Profs Sinagra.

Finalment, din il-Qorti qed tordna l-konfiska tal-oġġetti relatati mad-droga kif ukoll id-distruzzjoni tad-droga (Dok. HM) hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

______________________________

**Maġistrat Dr. Elaine Rizzo**

______________________________

Christine Farrugia
**Deputat Reġistratur**